MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 792/2013

**Servgroup Limited**
**C 28811**

**Vs**

**Mauro Grixti ID 204864(M) u Unbuild Company Limited C 19011**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Dicembru, 2013:

1. Illi l-intimati jew min minnhom kienu inkarigaw lis-socjeta esponenti sabiex taghmel diversi xogholijiet fl-appartamenti li huma ghandhom.

2. Illi x-xogholijiet li saru jammontaw fl-ammont ta' tlett elef u hamsa u disghin ewro u tlieta u tlettin centezmu (€3,095.33).

3. Illi l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont izda sal-llum baqghu inadempjanti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabli Qorti sabiex jogghobha:

1. Tiddikjara lill-intimati salidament reponsabbli ghal hlas tas-somma ta' tlett elef u hamsa u disghin ewro u tlieta u tletin centemzu (€3,095.33).

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu s-somma ta' tlett elef u hamsa u disghin ewro u tlieta u tletin centemzu (€3,095.33).

3. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu 's-somma ta' tlett elef u hamsa u disghin ewro u tlieta u tletin centemzu (€3,095.33) bl-ispejjez tal-prezentati, l-mandat ta' sekwestru, u l-ittra ufficjali li sarte taht l-Artikolu 166A u kif ukoll bl-imghax legali li jibda jiddekorri mid-data li l-pagament kien dovut u cioe' mit-28 ta' Settembru, 2012 kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konevnuti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett elef u hamsa u disghin ewro u tlieta u tletin centemzu (€3,095.33). bl-imghaxijiet mit-28 ta' Settembru, 2012, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inklz dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-ittra ufficjali taht l-artikolu 166A ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------